# Parigi

Oliver Friggieri

Mara li ftaħtli idejk biex nagħfsek miegħi
u kxiftli l-ġnien ta' sidrek tiela' w nieżel,
int xmara tgelgel li ma tafx kif tieqaf.
Mara li ma tibżax mill-ħars ta' raġel
u tqabbdu l-ġuħ u tqabbdu l-għatx tax-xewqa
u tinfdu dritt fin-nofs tal-qalb bil-vleġeġ,
mara li ġismek fih stedina waħda,
vulkan li ma jorqodx u dejjem jaħraq,
mara li tbus mingħajr ma taqta' nifsek
u tigdem bejn xofftejk sakemm tiskopri,
u tingħi u titriegħed u trid aktar.
Mara li sraqt ilwienek mill-qawsalla
u sraqt il-ħbub t'għajnejk mix-xmux u l-kwiekeb,
u sraqt xofftejk min-nar, ħaddejk mill-qamar,
u sraqt ġenbejk u sraqt dirgħajk u qalbek,
ma nafx, ma nafx x'għamilt biex sraqt dan kollu,
u sraqt il-frotta tiegħek minn ġo l-Għeden,
dal-kalċi jlegilguh l-allat weħidhom
u int ħtafthulhom meta kienu rieqda
dal-kalċi, dan l-artal, dan-nofs ta' kollox.
Qawwija wisq din l-għafsa ta' bejn snienek
u xuxtek tistordini mħabbla miegħi,
u t-toqol tiegħek fuqi se jifgani.
Hekk, fgat f'dirgħajk, imut kull raġel hieni.
Mara, f'kull girfa jnixxi l-ħsieb ta' moħħok
u moħħok oċean, imqanqal dejjem.
Mara li taf, mara li trid, inċedi
quddiemek irġuliti. Ħu kulm'għandi
la minn fuq s'isfel inti femminili,
saħħara tas-sigrieti l-kbar, Parigi.